Kelma tal-Ħajja

APRIL 2023
ĦARĠA 4

moviment tal-fokolari

www.focolaremalta.org

# "Aħsbu fil-ħwejjeġ tas-sema, mhux f'dawk tal-art" (*Kol* 3, 2)

Kienu għadhom kif nibtu l-ewwel komunitajiet Insara u malajr bdew jinqalgħu xi kwistjonijiet marbuta ma' interpretazzjonijiet foloz tal-messaġġ tal-Vanġelu. Pawlu, li kien qiegħed il-ħabs, sar jaf b'dawn il-problemi li kien hemm f'Kolossi u kiteb ittra lil din il-komunità.

Nifhmu aħjar din il-Kelma tal-Ħajja ta' dan ix-xahar jekk naqraw is-silta kollha mnejn hi meħuda: "Jekk intom irxuxtajtu ma' Kristu, fittxu l-ħwejjeġ tas-sema, fejn Kristu qiegħed fuq il-lemin t'Alla. Aħsbu fil-ħwejjeġ tas-sema, mhux f'dawk tal-art. Għax intom mittu, imma ħajjitkom hi moħbija flimkien ma' Kristu f'Alla![1].

Biex jegħleb dan in-nuqqas ta' qbil, Pawlu qed jistedinna ndawru ħajjitna kollha lejn Kristu Rxoxt. Infatti, fil-magħmudija aħna wkoll mitna u rxuxtajna fi Kristu. Din il-ħajja ġdida nistgħu ngħixuha f'dak li "ġa seħħ u f'dak li għad iseħħ fil-ħajja ta' dejjem.

**"Aħsbu fil-ħwejjeġ tas-sema, mhux f'dawk tal-art"**

Hi ħaġa loġika li dan mhux se niksbuh darba għal dejjem, imma rridu nfittxuh il-ħin kollu f'mixja impenjattiva tul ħajjitna kollha. Infatti Kristu ġab fid-dinja l-ħajja tas-sema u l-Għid tiegħu hu l-bidu ta' ħolqien ġdid u ta' bnedmin ġodda. Din tkun il-konsegwenza loġika ta' min jagħżel li jgħix il-Vanġelu: nagħmlu għażla li tibdel għal kollox il-mentalità tagħna, u taqleb ta' taħt fuq dak li tipproponi d-dinja, hekk li ma nibqgħux ikkundizzjonati minnha. Dan iġib fina bidla mill-qigħ. Wara kollox Pawlu ma jkasbarx "il-ħwejjeġ ta' din id-dinja" għax, minn meta l-Iben t'Alla sar bniedem, il-ħolqien kollu ġġedded[2].

**"Aħsbu fil-ħwejjeġ tas-sema, mhux f'dawk tal-art"**

"X'inhuma l-"affarijiet ta' hemm fuq?". Chiara Lubich tikteb hekk: "Huma dawk il-valuri li Ġesù ġab fuq din l-art u li bihom jingħarfu dawk li jimxu warajh. Dawn huma l-imħabba, il-ftehim, is-sliem, il-maħfra, is-sewwa, is-safa, il-ġustizzja, eċċ. Huma dawk il-virtujiet u l-ġid li joffrilna l-Vanġelu. Bihom u permezz tagħhom l-Insara jibqgħu fir-realtà ta' dawk li rxuxtaw ma' Kristu. [...]

Issa x'nistgħu nagħmlu biex qalbna tibqa' dejjem marbuta mas-sema, aħna li qed ngħixu f'din id-dinja? Irridu nħallu l-ħsibijiet u s-sentimenti ta' Ġesù jmexxuna, għax Hu kien dejjem b'ħarstu lejn il-Missier u f'ħajtu dejjem kienet tidher il-liġi tas-sema, il-liġi tal-imħabba"[3].

Il-preżenza tal-Insara tinfirex b’kuraġġ għall-ħajja ġdida tal-Irxoxt fid-dinja kollha. Dawn huma nisa u rġiel ġodda li mhumiex ta’ din id-dinja[4] imma li jgħixu fid-dinja bid-diffikultajiet kollha tal-ħajja. L-istess kienu jgħidu fuq l-ewwel Insara: “Huma jgħixu f’din l-art, imma huma ċittadini tas-sema. [...] Bħalma r-ruħ tkun fil-ġisem, hekk huma l-Insara fid-dinja”[5].

Darba kien hemm wieħed ħaddiem li għamel għażla kuraġġuża, ispirata kollha kemm hi mill-Vanġelu. Din waslet għal sensiela ta’ atti ta’ fraternità mqanqla mix-xhieda tiegħu.

“Fil-fabbrika fejn naħdem bdew jitqassmu ittri li kienu jinfurmaw lill-ħaddiema li kien se jintemmilhom l-impjieg. Waħda minn dawn l-ittri tawha lil Ġorġ. Jien kont naf bil-qagħda ekonomika ħażina li kien jinsab fiha u għalhekk stedintu jiġi miegħi fl-uffiċċju tar-riżorsi umani. Għidtilhom: “Jien ninsab f’sitwazzjoni aħjar minnu għax marti taħdem. Keċċu lili”. Il-kap wegħidni li kien se jerġa’ jeżamina l-każ. Kif ħriġna, Ġorġ ġie fuqi u għannaqni għax ħassu mqanqal ħafna b’dak li għamilt. Naturalment din il-ġrajja saru jafu biha l-ħaddiema l-oħra u tnejn minna, li bejn wieħed u ieħor kienu fl-istess kundizzjonijiet tiegħi, offrew ruħhom minflok tnejn oħra li kienu se jitkeċċew. Id-diretturi reġgħu bdew jaħsbuha fuq l-għażla li kienu għamlu biex ikeċċu l-ħaddiema. Il-kappillan sar jaf bil-każ u fil-priedka tal-quddiesa tal-Ħadd irrakkonta dak li kien seħħ fil-fabbrika, bla ma semma’ ismijiet. L-għada għarrafni li żewġ studenti tfajliet kienu tawh il-flus li kienu ġemmgħu biex jagħtihom lil dawk il-ħaddiema li kienu se jitkeċċew, u qalulu: “Aħna wkoll irridu nagħmlu bħal dak il-ħaddiem” (B. S. – Brasile)[6].

*Patrizia Mazzola u t-tim*
*tal-Kelma tal-Ħajja*

1. *Kol* 3, 1-3.
2. Ara 2 *Kor* 5, 17: “Meta wieħed jingħaqad ma’ Kristu, isir ħolqien ġdid; il-qadim għadda u daħal il-ġdid”.
3. C. Lubich, *Parola di Vita April 2001*, fil-ktieb *Parole di Vita, ta’ Fabio Ciardi (Opere di Chiara Lubich 5)*; Città Nuova, Ruma 2017) pġ. 640-641.
4. Ara *Ġw* 15, 18-21.
5. Lil Diogneto 5,5-6,1, mill-ktieb: *I Padri Apostolici*, ta’ A. Quacquarelli, Città Nuova, Ruma 20012, pġ. 356-357.
6. Esperjenza meħudha minn: www.focolare.org

**ĊENTRU TAL-MOVIMENT TAL-FOKOLARI**
18, ‘Stellaelise’, Triq il-Ħuttaf, Kappara
T. 21 385 801 | E. focolare.malta@outlook.com